MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 187/2003

**Registratur tal-Qrati**

**vs**

**Emanuel u Maria Concetta konjugi Bianco**
**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 24 ta’ Frar 2003 fejn esponiet:-

Illi b’rikors tat-2 ta’ Lulju 2002, (Dok AJ), Alexandra Jenkins qalet illi Emanuel u Maria Concetta, konjugi Bianco iddisprezzaw l-Awtorita’ ta’ din il-Qorti minhabba li sfrattaw subbasta bi pregudizzju ghaliha.

Alexandra Jenkins qalet illi, b’sentenza ta’ din il-Qorti tat-30 ta’ Mejju 2001, citazzjoni numru 719/1999/GV, hija kienet kreditrici tal-konjugi Bianco fis-somma ta’ tliet elef

lira (Lm3,000), barra imghaxijiet legali u spejjez gudizzjarji (Dok. A).

Illi hija kienet kisbet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru (Dok. B) u ta' mandat ta' qbid, numru 2783/2001/FF (Dok. C), bl-ispejjez relattivi ghalihom.

Illi bil-mandat tal-qbid imsemmi kienu nqabdu l-oggetti msemmija fir-riferta tal-Marixxall tal-Qorti Francis Fenech (Dok. D).

Illi dawn l-oggetti maqbuda kellhom jinbieghu bis-subbasta fl-20 ta' Mejju 2002, skont digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Frar 2002 (Dok. E).

Illi pero' l-konjugi Bianco kienu nehhew l-oggetti kollha maqbuda u s-subbasta ma setghetx issir bi pregudizzju ghar-rikorrenti Jenkins.

Illi l-istess rikorrenti qalet li dan l-agir tal-konjugi Bianco huwa illegali, skarta llegalment il-kreditu tar-rikorrenti u jikkostitwixxi disprezz flagranti lejn l-Awtorita' ta' din il-Qorti.

Ghalhekk ir-rikorrenti Jenkins talbel li din l-Qorti joghgobha tordna lill-attur Registratur tal-Qrati sabiex jibda proceduri kontra l-konjugi Bianco ghal disprezz lejn l-Awtorita' taghha skont l-artiklu 1003 A tal-Kap. 12.

Illi din il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti Jenkins, b'digriet moghti fit-3 ta' Lulju, 2002 (Dok. F).

Ghalhekk l-attur qieghed jaghmel din il-kawza.

Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti konjugi Bianco ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjarahom responsabbli ghal disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti skont Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Issibhom hatja tal-istess disprezz;

3. Tikkundannahom ghall-pieni msemmija fl-istess Kodici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti konjugi Bianco, li huma msejha wkoll ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-4 ta’ Novembru 2003.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Emanuel u Maria Concetta konjugi Bianco li ghandhom karta tal-identita` numri 725631 M u 201737 M rispettivament datata 23 ta’ Frar 2004 (fol 28) fejn esponew: -

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront taghom huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan peress illi ma huwiex minnu illi huma ghamlu xi azzjoni li tikkostitwixxi disprezz lejn l-Awtorita` ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi l-oggetti li gew maqbuda permezz tal-mandat ta’ qbid numru 2783/2001 FF ma kienux proprjeta` tal-eccepjenti, izda ta’ binhom Lawrence Bianco u l-eccepjenti kienu jokkupaw il-fond ‘Bella’, Triq il-Hgejjeg San Pawl il-Bahar, u cioe` fejn gie esegwit il-mandat ta’ qbid, b’titolu ta’ kera, billi dan il-fond kien mikri lill-eccepjenti mghamar b’kollox inkluzi l-oggetti maqbuda permezz tal-mandat ta’ qbid minn ghand l-imsemmi binhom Lawrence.

3. Illi ftit jiem qabel ma kellha ssir is-subbasta huma kienu irrilaxxaw il-fond fejn saret l-esekuzzjoni favur is-sid u cioe’ binhom u marru jghixu ghal ftit granet ma’ binthom Josephine Bianco sakemm krew band’ohra fejn jabitaw u dan minnghajr ma avzaw lil binhom illi kien gie esegwit mandat mahrug kontrihom fuq mobbli proprjeta` tieghu, u l-anqas li kienet ser issir subbasta fuqhom.

4. Illi meta telqu mill-fond huma hallew il-mobbli kollha inkluz dik maqbuda permezz tal-mandat ta’ qbid numru

2783/2001 FF fejn kienet, u ma huwiex minnu li nehhew l-oggetti maqbuda permezz tal-mandat.

5. Illi l-eccepjenti kif jirrizulta mir-riferta fuq il-mandat, kienu wkoll a *tempo vergine* nformaw lill-Marixxall illi l-oggetti maqbuda permezz tal-mandat ma kienux propjeta` taghhom izda ta' binhom Lawrence.

6. Salv eccezzjomjiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Novembru 2004 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn Dr. Aaron Bugeja ghall-attur talab lill-Qorti tawtorizza illi x-xhieda moghtija fl-atti tac-citazzjoni 719/1999 atti Mhallef Valenzia deciza fit-30 ta' Mejju 2001 jigu mqieghda fl-atti ta' din il-kawza. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat lir-Registratur tal-Qorti jipprovdi dwar dan; u l-verbal tas-seduta tas-27 ta' April 2006 (fol 110) fejn l-Avukati tal-partijiet trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2006;

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta nkluz dak tas-27 ta' Settembru 2012 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Jannar 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Peress li kien hemm biss trattazzjoni verbali u mhux registrata dwar l-eccezzjonijiet ulterjuri, il-Qorti stidnet lill-partijiet sabiex b'nota bil-*visto* tal-kontro-parti li ghandha ssir fi zmien ghoxrin (20) jum minn dan id-digriet, jiddikjaraw jekk jixtiequx jaghmlu sottomissjonijiet verbali fuq il-kaz jew sottomissjonijiet bil-miktub. Il-kawza giet differita ghall-informazzjoni ulterjuri ghat-28 ta' Frar 2013 fid-9:30 a.m, u fin-nuqqas tigi differita dak inhar ghas-sentenza; u l-verbal tas-seduta tat-28 ta' Frar 2013 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Anthony Cutajar ghall-konvenuti. L-attur u d-difensur

tieghu msejhin tliet darbiet baghu ma dehrux. Dr. Anthony Cutajar tratta l-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-13 ta' Gunju 2013

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Din hija kawza ghall-dikjarazzjoni ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti istitwita *a tenur* tal-**artikolu 1003A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta** minhabba li l-konjugi Bianco allegatament nehhew l-oggetti kollha kolpiti b'Mandat ta' Qbid ezekuttiv biex b'hekk, ostakolaw proceduri ghall-bejgh in subbasta.

Gara li l-konvenuti gew dikjarati debituri ta' Alexandra Jenkins b'sentenza[1] li ghaddiet in gudikat, fl-ammont ta' Lm3000 bl-imghaxijiet u spejjez legali, u in ezekuzzjoni tal-kreditu taghha ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Qbid bin-numru 2783/2001 FF *oltre* mandat ta' sekwestru. Dan il-mandat gie esegwit fuq diversi oggetti elenkati mill-Marixxall tal-Qorti, liema oggetti kellhom jinbieghu in subbasta fl-20 ta' Mejju 2002, skont digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-11 ta' Frar 2002 li jinsab esebit *a fol.*17 tal-process.

L-attur isostni li l-konvenuti nehhew l-oggetti kollha maqbuda, b'disprezz lejn l-ordni u l-awtorita' tal-Qorti u s-subbasta ma setghetx issir. Dan ikkaguna pregiudizzju ghall-kreditrici Jenkins li dlonkipprezentat rikors opportun.[2] B'digriet iehor ta' din il-Qorti diversament presjeduta, intlaqghet it-talba taghha biex jittiehdu dawn il-proceduri.[3] L-oggetti in kwistjoni jinsabu elenkati *a fol.* 16 tal-process.

In linja difensjonali l-konvenuti qalu li kienu qed jabitaw fil-fond mikri u l-oggetti maqbuda kienu jappartjenu lill-sid il-

---

[1] Cit. 719/1999 GV

[2] Vide xhieda ta ' **Sandra Jenkins** a fol 50 tal-process fejn tikkonferma il-fatti rilevanti tal-kaz.

[3] Digriet tat 3 ta' Lulju 2002 esebit a fol.18 tal-process.

kera, li kien binhom stess Lawrence Bianco. Telqu mill-fond ftit granet qabel id-data appuntata ghas-subbasta u irrilaxxjawh favur is-sid (binhom), u dan, minghajr ma avzaw lil binhom bl-ezekuzzjoni tal-mandat ta ' qbid fuq l-oggetti in kwistjoni. Jghidu li mhux minnu li nehhew l-oggetti mill-fond imma hallewhom fil-post. Jirrizulta mir-riferta tal-Marixxall li nfurmawh *a tempo vergine* li l-oggetti maqbuda ma kienux ta' proprjeta taghhom imma kienu jappartjenu lil binhom Lawrence.

## A. IL PROVI

Mix-xhieda tal-**Marixxall Francis Fenech** *a fol*. 41 tal-process, jirrizulta li meta gie nfurmat mis-sinjura Bianco li l-oggetti kienu ta' binha, ma uriet ebda dokument. Meta, sussegwentement mar fuq il-post biex jeleva l-oggetti maqbuda, sab lil Lawrence Bianco li qallu li ma kienx jaf bis-subbasta.[4] Qal ukoll li meta dahal fil-post dakinhar tas-17 ta Mejju 2002, ma rax ghamara fil-post. Dahal sal-ewwel kamra u l-kurridur izda ftakar li kiteb ir-riferta fuq mejda tonda li hija wahda mill-oggetti maqbuda. Lawrence Bianco, li identifikah mill-karta tal-Identita', qallu li l-ghamara ma kenitx fuq il-post izda ma qallux fejn kienet l-ghamara.

Mix-xhieda tar-rapprezentant tar-Registratur tal-Qrati *a fol.* 47 *et. seq.* tal-process, jirrizulta li l-konvenut Emmanuel Bianco gie notifikat fis-16 ta' April 2002.

**Xehed** l-Avukat Dottor Stephen Thake[5], l-avukat ta' Sandra Jenkins fil-proceduri ezekuttivi, u qal li l-patrocinata tieghu istitwiet proceduri ghar-rifuzjoni ta' depositu li hallset akkont ta' prezz ta’ immobbli li kienet obbligat ruhha li tixtri. Il-bejgh ma avverrax u ippretendiet ir-rifuzjoni. B'hekk istitwiet proceduri relattivi u ottjeniet sentenza ghar-rifuzjoni tad-depozitu. Irrizulta waqt il-proceduri li l-konvenuti Bianco kienu bieghu il-fond lill-terzi ghall-prezz ferm inferjuri ghal dak offrut mill-klijenta tieghu. Ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' qbid  izda meta gew

---

[4] **Dok FFA** a fol 39 tal-process.
[5] Xhieda a fol. 54 *et.seq.*tal-process.

ghall-bejgh in subbasta irrizulta li l-oggetti maqbdua ma kienux ghadhom fil-pussess tad- debitur.

Xehed il-konvenut **Emmanuel Bianco**[6] in subizzjoni u qal li l-ezekuzzjoni tal-Mandat ta' qbid sehh fil-post *Bella*, fi Triq il-Hgejjeg Qawra, li kienet ir-residenza ordinarja tieghu u ta' martu sakemm gie esegwit il-Mandat. Kienu ilhom joqghodu hemm ghal 4 snin u nofs. Hargu mill-post ftit wara li gie esegwit il-mandat. L-oggetti maqbuda kienu gja fil-fond meta dahlu joqghodu fih, u jappartjenu lill-ibnu. Meta gie l-Marixxall it-tieni darba biex jghidilhom li kien ser jiehu l-oggetti mid-dar biex jinbieghu, kienu ghadhom qed jghixu hemm, u anke l-oggetti kienu fil-post. Izda huma qabdu u marru jghixu ghand it-tifla u lil binhom ma qalulu xejn. Meta l-Marixxall rega' gie fil-post, huma ma kienux ghadhom jghixu fid-dar. L-oggetti li kellhom mahzuna f'garaxx kien "*imbarazz li kien ghad baqghalna u ma kienux l-oggetit maqbuda."* Qal ukoll li r-relazzjonijiet bejniethom u binhom ma kienxu tajbin meta hargu mill-post u lanqas kienu jitkellmu.

Hu ma jafx x'sar mill-oggetti maqbuda wara li telqu mill post. Hargu minhabba il-Mandat u mhux minhabba li ghalqet il-kera - hargu qabel ma skada il-perjodu imhallas. Fis-16 ta' April, 2002 ma kienx ghadu fil-post u baqa' hekk jinsisti minnkejja riferta tal-Marixxall li nnotifikah fil-fond f'dik id-data. Imbaghad ikkorega ruhu u qal li hargu fl-ewwel jiem ta' Mejju 2002.

**Maria Concetta Bianco** xehdet [7] li l fond fi Triq il-Hgejjeg xtrah it-tifel u marru jghixu fih sakemm jidhol hu. Kienu sabu ghamara bhal kamra tas-sodda, mejda u siggijiet fil-kcina, *cupboards*, *sofa bed,* pultruna u tavolina fil-kuridur. Kien hemm ukoll *refrigerator, cooker* u oggetti ohjrajn ta' din l-ghamla. Ikkonfermat li l-ghamara kollha fid-dar kienet ta' binha. L-ghamara tad-dar precedenti taghhom kienet inbieghet. Meta kien hemm l-avviz li kienu gejjin ghall- oggetti, cemplet lil bintha biex tmur toqghod ghandha. Lil binha ma qaltlu xejn. Hi halliet l-oggetti

[6] Xhieda a fol. 150 *et. seq.* tal-process.
[7] Xhieda a fol. 77 *et.seq.*tal-process

maqbuda fid-dar meta telqet. Hi xehdet li meta mar il-Marrixxall u allura sab lil binhom, dan cemplilha u akkuzaha li kienet hbietlu l-affarijiet. Ghamlu sentejn ma jitkellmux. Mill-kotba tal-kera esibiti[8] jirrizulta li l-fond kien mikri u l-ahhar skadenza kopriet ix-xahar ta' April 2002.

**In kontro ezami** kkonfermat li meta gie l-Marixxall biex javzahom li kien ser jeleva l-affarijiet, hi u zewgha kienu ghadhom jghixu fil-post. L-oggetti li kien xtara binha biex jghammar il-fond ma kienux godda. Huwa minnu li l-ircevuti ma jsemmux li l-post hu *furnished* u lanqas ghamlu inventarju meta dahhlu fil-fond. Ma ftakritx jekk il-Marixxall kien taha xi twissija meta esegwixxa l-mandat.

**Xehed Lawrence Bianco**[9] sid tal-fond *Bella* fi Triq il-Hgejjeg San Pawl il-Bahar. Meta xtara l-fond kien hemm biss kcina gol-post imbaghad ghammru hu - kamra tas-sodda, *sofa bed,* tizjin tad-dar, *wall unit* u xi ghamara ohra fil-kuridur. Din l-ghamara kienet tan-nanna ta' martu u l-genituri tieghu sabu l-ghamara hemm meta dahhlu jghixu fil-post u kienet baqghet fil-post meta hargu. Beda jaghmel xoghlijiet strutturali biex jidhol joqghod fih hu. Zarma il-gwardarobba u qeghdha xkaffar fil-garaxx, il-komodini qeghdin fuq il-post tax-xoghol tieghu u ftit granet qabel ma xehed, ta it-twaletta lill-wiehed minn shabu. Meta gie il Marixxall gharrfu ukoll li kien gja biegh uhud mill-oggetti, per. es. il-*wall unit*. Sar jaf bl-istorja wara li gie l-Marixxall biex jerfa l-oggetti u cempel lil ommu.

Meta l-genituri tieghu kienu ghadhom fil-post, ir-relazzjonijiet taghhom kienu tajbin u kien izurhom xi darba jew darbtejn fil-gimgha. Qal li ma kienx jaf la bil-Mandat u lanqas li l-genituri tieghu kellhom kwistjonijiet fil-Qorti partikolarment ma' Jenkins. Hu ma ha ebda passi fir-rigward tal-Mandat, Meta gie l-ahhar darba l-Marixxall ma kien baqa' ebda ghamara fil-post.

## B. KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

[88] **Dok MCB1 u MCB2**
[9] Xhieda a fol. 83 tal-process.

Illi l-proceduri gew inizjati mir-Registratur tal-Qorti wara li gie ordnat jaghmel hekk minn din il-Qorti skont digriet tal-25 ta’ Gunju 1997 u dan a tenur ta’ l-**Artikolu 1003 A** li jistipula:-

“*Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta’ dan it-titolu f’ kull procediment ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, ir-Registratur ghandu jibda, kif jigi ordnat mill-Qorti, il-procedimenti mehtiega u ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi huwa ghandu jitqies bhala l-attur*.”

Illi jinghad ukoll li skont l-**Artikolu 276 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u ta’ Procedura Civili (Kap 12)** hemm provdut illi hadd ma jista’ jaghmel opposizzjoni ghall-ezekuzzjoni ta’ mandat, hlief wara li tkun saret l-ezekuzzjoni.

Illi tajjeb li jigi rilevat illi l-kawza odjerna titratta dwar kawza ta’ disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti. Bhala tali taqa’ taht id-dispozizzjonijiet tal-**Artikolu 988 sa 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta,** u dwar il-principji li jirregolaw l-istess istitut qed issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **“Registratur tal-Qorti Superjuri vs Dolores sive Didi Busietta”** deciza minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-18 ta’ Ottubru 2000 (Citaz. Numru. 1914/98/RCP).

Hu pacifiku fil-gurisprudenza taghna li d-disposizzjonijiet fuq imsemmija huma ta' indoli kriminali. Dan igib mieghu illi kull ma tghid il-ligi dwar dan l-istitut ghandu jithares skont il-kelma tal-ligi u l-ispirtu li jhares il-jeddijiet tal-“akkuzat” f’dak kollu li jista’ jitqies ta’ natura penali[10].

Hekk ukoll gie ribadit fis-sentenza “**Catherine Portelli vs Joseph Cachia et noe**” (A.K. 28 ta’ Jannar 1991) fejn inghad li tali artikoli huma ntizi sabiex:-

“*Tiddisponi li certi atti jikkostitwixxu disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u tippreskrivi l-pieni li ghandhom jigu*

[10] App. Civ. **8.6.1998** fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Calleja*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.186**)

*nflitti fuq min jinsab li jkun ikkommetta xi att minn dawk. F' dawn il-kazijiet il-ligi tispecifika l-pieni tac-canfira, tal-ammenda jew multa, jew tad-detenzjoni preskritti mill-Kodici Kriminali. Mill-premess jidher car li dan il-procediment huwa ta' indoli kriminali. Il-fatt li l-istess procediment gie introdott b' citazzjoni, cjoe` l-att li ordinarjament jintuza f'azzjonijiet civili, u ma jnehhi xejn minn natura kriminali. Ic-citazzjoni f' dan il-kaz m'hija xejn hlief it-tahrika ta' "l-akkuzat" biex jidher biex iwiegeb ghall-akkuza* ***(Artikolu 998 tal-Kap 12)***."

Illi wkoll jinghad li dawn il-procedimenti huma, skont is-sentenza "**Il-Qorti vs Antoine R. Camilleri**" (P.A. C.C 9 ta' Novembru 1990):-

"*Stabbilit mill-ligi, aktar milli bl-iskop li tigi kustodita d-dinjita` tal-Qorti, biex tigi tutelata l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja*."

Illi ovvjament dawn ir-regolamenti huma mehtiega sabiex tinzamm l-ordni tant li l-Qorti fis-sentenza taghha **"Il-Qorti vs George Galea"** (A.C. H.H. 14 ta' Marzu 1988. LXXII.ii.228) sostniet:-

*"li jehtieg li kulhadd jifhem tajjeb li biex tinzamm il-*buon ordni *f'socjeta' hadd ma jista' jmur kontra l-ligi. Il-konvenut ma kellu l-ebda dritt li jinjora l-inibizzjoni tal-Qorti, qallu x'qallu haddiehor".* Ara wkoll **"Dr. Louis Vella *proprio et nomine vs* Joseph Gatt"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2001)

Illi fis-sentenza "**Registratur tal-Qrati Superjuri vs Lygia sive Luigia Saliba**" (P.A. JRM 7 ta' Mejju 2001) inghad:

"*Illi wahda mis-setghat ewlenin ta' kull Qorti hija dik li taghti ordnijiet lil xi hadd, kemm jekk biex dik il-persuna taghmel xi haga, jew biex dik il-persuna ma taghmilx xi haga. Il-ksur ta' kull ordni jikkostitwixxi disprezz ghall-awtorita` li, bis-sahha taghha, dik l-ordni tkun inghatat. Kif jghallem Denning: "This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt" (cfr. In Re Bramblevale Limited*

*(1970)]”.* **(“Registratur tal-Qorti Superjuri vs Anna Mizzi”** – P.A. (RCP) 12 ta’ Dicembru 2001).

Illi, minbarra dan, l-akkuza ta’ disprezz iggib maghha l-htiega li tigi ppruvata, minn min qieghed jixli, l-intenzjoni tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b’hekk l-awtorita` taghha.

Illi dik l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni moghti lilha bhala wiehed korrett jew le: is-siwi ta’ dik l-ordni, sakemm ma jithassarx b’ordni ohra tal-Qorti nnifisha, huwa raguni oggettiva li torbot lill-mixli li joqghod ghaliha, jaqbel jew ma jaqbilx maghha. Hekk jirrizulta ukoll anke jekk wara rrizulta li l-ordni tal-Qorti kien wiehed null, u dan kif gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet “**Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella**” (A.C. 7 t’Ottubru, 1997), b’dan ghalhekk li tali procedura ta’ disprezz hija ntiza mhux biex l-attur jirbah xi haga izda biss li tigi zgurata u mharsa l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja (“**Il-Qorti vs Antoine R Camilleri”** – LXXIV.iii.546).

## C. APPLIKAZZJONI GHALL-KAZ *DE QUO.*

Illi jinkombi fuq l-attur li jipprova l-intenzjoni tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b’hekk l-awtorita` taghha. Din l-intenzjoni ghandha tigi ppruvata *beyond reasonable doubt*.

L-apprezzament tal-provi fil-kaz odjern kien ikun semplici li kieku l-oggetti maqbuda kienu jinsabu fi proprjeta` tal-ezekutati, jew li kienu jappartjenu lilhom, ghaliex f'tali kaz, huma biss setghu jiddisponu minnhom. Izda fil-kaz odjern, dawn l-oggetti kienu sitwati fil-fond ta' terzi, li kien gja mghammar meta dahhlu fih il-konvenuti. Difatti meta gie esegwit il-mandat, il-Marixxall gie mgharraf *a tempo vergine* li l-oggetti kienu jappartjenu lill-iben l-ezekutati.

Huwa minnu li l-ligi stess tikkontempla l-proceduri li ghandhom jittiehdu meta l-oggetti maqbuda jappartjenu lill-terzi u f'dan il-kaz, dawn ma gewx segwiti. Izda b'hekk ma jfissirx li l-konvenuti agixxew b'disprezz lejn l-awtorita '

tal-Qorti meta hallew il-fond. Anzi jirrizulta mix-xhieda taghhom li l-oggetti ma tnehhewx u allura teknikament obdew l-ordni tal-Mandat.

Ir-rikorrent jghid li nehhew l-oggetti mill-fond izda dan ma giex ippruvat sal-grad rikjest mill-Ligi. Anzi, Lawrence Bianco stess, li ma kienx l-ezekutat, jghid *ex admissis,* li kien hu li ddispona minnhom.

In-nuqqas tal-konvenuti, *semmai,* kien jikkonsisti filli ma avzawx lil binhom bl-ezekuzzjoni tal-mandat u bis-subbasta, u ma hadux provvedimenti biex l-oggetti jkunu kkustoditi. Izda b'danakollu dan in-nuqqas ma jfissirx necessarjament sfida lejn l-awtorita' tal-Qorti li huwa l-element intenzjonali mehtieg mill-Ligi sabiex tissussisti l-akkuza odjerna. Tali intenzjoni tavvera jekk jigi ippruvat li nehhew l-oggetti huma mill-fond, jew li kienu komplici fit-tnehhija taghhom - provi li ma ngabux sal-grad rikjest mill-ligi meta wiehed jikkonsidra il-karattru penali tal-akkuza.

Ghall-kuntrarju, jirrizulta mill-provi li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni dwar il-proceduri tal-mandat bejn il-genituri u t-tifel, tant li mix-xhieda tal-konvenuta johrog li binha tant hadha bi kbira meta sab ruhu sorpriz mill-Marixxall, li ma kellimhomx ghal zmien twil.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess it-talbiet attrici ma jistghux
jigu milqugha u dan ghaliex ma jirrizultax li l-attur irnexxielu
jaghmel il-prova fil-grad rikjest mill-ligi, kemm dwar l-att allegatament ta' disprezz kommess mill-konvenuti u kemm dwar il-*mens rea* jew l-intenzjoni tal-istess.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi **tichad** it-talbiet attrici *stante* li ma rnexxilux jipprova il-kaz tieghu sal-grad rikjest mil-Ligi.

L-ispejjez jithallsu mill-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------